# Il-Ħuttafa

Numru 131

21 sena 1994-2015

Nov - Diċ 2015




€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Aron Tanti

Qatgħa kbira ta' **sturnell**. Kemm taħsbu li hemm?

editorjal

# Għeżież Ħuttaf...

Ftit ġranet ilu kien hemm laqgħa kbira f'Pariġi. Għaliha kien hemm mexxejja u ministri minn xi 200 pajjiż, jiġifieri kważi mid-dinja kollha. Ma kinitx laqgħa ta' siegħa – damu għaddejjin ġimagħtejn! X'kienu qed jiddiskutu u jinnegozjaw? Flus? Żejt? Żvilupp? Banek? L-ekonomija? Xejn minn dan. **Is-suġġett kienet fuq kif ħa nsalvaw lid-dinja!**

Fis-Snin Sittin xi xjenzati u ambjentalisti indunaw bil-ħsara li qed jagħmel it-tniġġis. Bdew iwissu lill-gvernijiet li d-dħaħen qed isaħħnu l-arja u li dan jista' jħarbat il-klima. Imma dak iż-żmien ħadd ma ta kashom, anzi qalulhom joqogħdu kwieti u ma jfixklux l-iżvilupp.

Imma dak li ħabbru x-xjenzati u l-ambjentalisti beda jiġri vera u l-klima vera bdiet tinbidel. Illum kull pajjiż fid-dinja beda jħoss l-effetti. Is-silġ tal-poli qed jinħall, il-livell tal-baħar qed jogħla u xi pajjiżi qed jegħrqu; għadajjar u xmajjar vojta, snin ta' nixfa f'xi nħawi tad-dinja (= għelieqi mejtin), f'inħawi oħrajn dilluvji u valangi kull sena (= għelieqi rvinati), ħut skars fil-baħar (= inqas sajd), temperaturi għoljin u *heat waves*. U kull sena iktar sħuna minn ta' qabilha, eċċ.

Fl-aħħar il-gvernijiet qamu u indunaw li l-flus ma tistax tikolhom. Qalu: "Aħjar niltaqgħu ħa naraw x'jista' jsir!" Tgħid tard wisq?

Il-laqgħat ta' Pariġi jidher li kienu suċċess, għax xi 185 pajjiż iffirmaw ftehim u qablu li jnaqqsu t-tniġġis tal-arja. Il-pajjiżi sinjuri ħa jgħinu lill-pajjiżi fqar biex flimkien jiżguraw li t-temperatura tad-dinja ma tiżdiedx iktar minn 1.5˚C. Imma tgħid iżommuha l-wegħda? Nisperaw!

U b'dak il-ħsieb nixtiqilkom il-Festi t-Tajba :)



Victor Falzon

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

## MAL-FAĊĊATA



Victor Falzon

Fl-antik iż-**żnuber** (Aleppo pine) kienet tikber fis-selvaġġ f'Malta u probabbli kien hawn imsaġar sħaħ tagħha. Imma maż-żmien dawn kollha nqatgħu. Illum xorta hawn eluf minnhom f'pajjiżna għax hija waħda mill-iktar speċi li jitħawlu fil-ġonna u fi proġetti ta' afforestazzjoni.

# Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Ir-Raba' | 4-5 |
| Intervista mal-fidloqqom | 6 |
| Attività | 6 |
| Fjuri Xitwin | 7 |
| Tista' tgħidli? | 8 |
| Lesti għall-pranzu | 8 |
| Il-bufula sewda | 9 |
| Il-Ballut ta' Marsaxlokk | 10-11 |
| Kotba Ġodda | 12 |



# Kumitat

## Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

## Falko

Sean Bonello • Nicholas Galea • Timothy Micallef

# Kordinazzjoni

Hannah Chisholm • Sofía García

# Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena.

BirdLife MALTA

# Kuntatt

tel **21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

Reg.Vol.Org. VO/0052



© BirdLife Malta, Diċembru 2015



Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Victor Falzon

# Ġie mill-bogħod






Hemm annimali jgħidulhom flatworms, u jgħidulhom hekk għax qishom dud ċatt. Ħafna minnhom huma mikroskopiċi u kważi kollha jgħixu f'xi ilma jew f'postijiet umdi u dellin. Hemm minnhom jgħixu wkoll fil-baħar.

Ftit xhur ilu l-ħabib tagħna Paul Portelli kien qed jgħum bil-maskla fl-inħawi ta' Tas-Sliema u f'ilma baxx sab speċi sabiħa ta' flatworm (kif tidher fl-istampa) li qatt ma kien ra bħalha. Iċċekkja dwaru ma' xi esperti u sab li dan kien *Maritigrella fuscopunctata*, speċi li tinsab fl-Oċejan Indjan u Paċifiku. Imma kif wasal Malta? Kif tafu fl-Eġittu hemm il-Kanal ta' Suez, li nfetaħ fl-1869 biex iqassar il-vjaġġi tal-vapuri. Imma mhux vapuri biss għaddew mill-kanal. Diversi annimali u algi tal-Baħar l-Aħmar u l-Oċejan Indjan ftit ftit bdew jgħaddu minnu u jinfirxu fil-Mediterran. U waslu anke sal-ibħra madwar pajjiżna. Issa għandna wkoll din l-ispeċi ġdida ta' dudu ċatt, li għad m'għandniex isem għalih bil-Malti.

U jidher li f'Malta qed taqbad sew din l-ispeċi, għax Paul sab mhux wieħed imma diversi, u ftit wara sab l-istess speċi f'San Ġiljan u ħdejn Manoel Island.

FALKO

Il-BirdLife għandha membri ta' kull età, minn anzjani ta' iktar minn 90 sena, sa tfal żgħar li jdaħħluhom il-ġenituri kważi malli jitwieldu! Intom ta' Klabb Ħuttaf tajjeb tiftakru li la tikbru ftit ieħor hemm it-taqsima **Falko** tistenniekom. Il-Falko qiegħda għall-membri żgħażagħ tal-BirdLife, u torganizza attivitajiet apposta għalihom. Wara li jagħlqu t-18, il-membri tal-Falko jirċievu l-magażin tal-kbar *Bird's Eye View*. Mela araw li tibqgħu membri fil-Klabb ħalli tkomplu tgawdu n-natura u tagħtu saħħa lill-BirdLife.

Aron Tanti



## Blu u rarissma

Jekk iddur l-Ewropa kollha **l-primavera** (blue tit *Parus caeruleus*) ssibha komuni kullimkien, fil-ġonna tan-nies, fil-parks u fil-foresti. Għasfur żgħir u bieżel, ikħal-isfar-aħdar-abjad b'xi truf suwed. Imma f'Malta l-primavera hija rarissma għax ma tpassix, dawk il-100km bejn Sqallija u Malta jaqtgħulha qalbha. Sa fejn nafu, f'Malta l-primavera dehret biss darbtejn, darba fl-1908 (inqatlet/inqabdet waħda ħdejn iż-Żurrieq) u darba fl-1975 (rawha berdwoċers tal-BirdLife fil-Barrakka t'Isfel, il-Belt Valletta).

Ftit ġimgħat ilu l-primavera reġgħet tfaċċat, did-darba fil-Buskett. Issa nisperaw ma terġax tistenna 40 sena oħra!



Geoffrey

## Grazzi Geoff, merħba Darryl.

*Il-Ħuttafa* tixtieq tgħid grazzi lil **Geoffrey Saliba** li għal dawn l-aħħar sentejn kien President ta' BirdLife Malta. Li tmexxi għaqda attiva bħal tagħna hija biċċa xogħol li żżommok bieżel ħafna, u s-sena 2015 kienet iktar imqanqla mis-soltu, biss biss minħabba l-ġenn tar-referendum! Għalhekk filwaqt li nirringrazzjaw lil Geoff għas-snin ta' servizz li ta bil-qalb (u li ħa jibqa' jagħti bħala membru tal-Kunsill), nagħtu merħba u nawguraw lill-President il-ġdid **Darryl Grima**.



Darryl

Victor Falzon

**Il-ħarruba** spiss narawha mal-ġnub tal-għelieqi. Dari l-imżiewet tal-ħarrub kienu jintemgħu lill-bhejjem u anke jittieklu min-nies. Il-weraq u l-frott niexef li jaqa' taħt is-siġra jifforma kompost tajjeb.



Victor Falzon

Fir-rebbiegħa xi għelieqi jimtlew b'tapit ta' **peprin aħmar**. Fi ftit ġimgħat il-peprin jikber, iwarrad u jagħmel żerriegħa (ĦAFNA żerriegħa!). B'hekk il-peprin jagħmel iċ-ċiklu kollu tal-ħajja qabel ma terġa' tinħarat l-għalqa.



Joe Sultana

Is-**serp iswed** huwa rettilu u jħobb jixxemmex fuq il-ġebel taċ-ċnut tal-għelieqi. Qalb il-ġebel u l-ħamrija jfittex il-priża, bħal xi far jew ġurdien. Jekk jara l-periklu jidħol malajr jistaħba f'toqba fil-ħajt tas-sejjieħ

Jekk tisma' ġeġwiġija ta' għajat tal-għasafar ħdejn xi għalqa siġar taż-żebbuġ probabbli tkun qatgħa **sturnell** qed jagħmlu festa mill-frott ta' dawn is-siġar u jgħidu kelma beniethom.



Aron Tanti



Desirée Falzon

Jistkenn fid-dell ta' taħt il-ġebel jgħix l-**għakreb** (jew skorpjun), annimal karnivoru li jiekol insetti, ħnieżer l-art, eċċ.

## Ambjenti u Residenti

# Raba'

Desirée Falzon


Aron Tanti

Jekk tara għasfur donnu wieqaf fl-ajru, jissaqqar fuq għalqa u jħares fiss 'l isfel, dak ikun **spanjulett** qed ifittex xi gremxula ħalli jinżel u jaħtafha minn wiċċ il-ħamrija.


Joe Sultana

Ir-raba' tajjeb għall-**qniefed** għax dawn jagħmlu darhom fiil-ħitan tas-sejjieħ. Hawn isibu kenn u l-ikel favorit tagħhom: bebbux u bugħarwien. Temmnux il-ħmerija li l-qniefed jagħmlu għall-ħalib tat-trabi!



Wara li għalqa tinħadem spiss timtela b'tapit abjad tal-**ġarġir abjad** jew isfar tal-**ġarġir isfar**. Wara sajf nixfa dawn il-fjuri jagħtu pollin tant meħtieġ lill-friefet u lin-naħal.


Victor Falzon

Jekk tħares fil-qrib lejn ħajt tas-sejjieħ taf issib bejta taż-**żunżan tax-xehda**. Fir-rebbiegħa u fis-sajf oqgħod ftit bogħod u gawdi ż-żnażan ġejjin u sejrin jibnu u jkabbru x-xehda u jitimgħu liż-żgħar tagħhom.


Aron Tanti

Fir-rebbiegħa l-**bilbla** tasal Malta u tfittex postijiet għall-beraħ, fosthom l-għelieqi. Hemmhekk tibni bejta fl-art fuq il-ħamrija. Peress li huma kulur l-art, il-bilbla u l-bejta tagħha mhux faċli tarahom.

Iktar minn nofs Malta hija miksija raba'. Dan ifisser li n-natura f'ħafna mill-gżejjer tagħna tiddependi minn dak li jagħmlu l-bdiewa. Meta l-bdiewa jibexxu l-għelieqi kontra insetti u pjanti li jagħmlu ħsara lill-uċuħ tar-raba', ħafna insetti u annimali oħrajn imutu wkoll, jew għax joqtolhom il-bexx stess jew għax jieklu insetti vvelenati. Imma kull tant snin xi għelieqi ma jinħadmux. Meta jiġri dan, in-natura malajr tieħu l-opportunità u timla kull roqgħa ħamrija u ħitan tas-sejjieħ mad-dawra.

Fir-ritratt jidher xi raba' fl-inħawi tal-**Imġiebaħ**.



# Biex ngħidu grazzi kbira!

Foresta 2000 hija proġett ta' taħwil ta' siġar li bdietu l-BirdLife xi 15-il sena ilu. Minn dak iż-żmien 'l hawn tħawlu hemmhekk xi 24,000 siġar u arbuxxelli. Xi siġar minnhom ħawwilniehom waqt attivitajiet ta' Klabb Ħuttaf stess.

Kull sena ħafna skejjel jieħdu sehem f'Dinja Waħda u jiġbru flus biex jgħinu lil Foresta 2000. Biex ngħidulhom grazzi se nagħmlu attività speċjali għal dawn l-iskejjel (ara lista hawn taħt) u l-istudenti, għalliema u ġenituri tagħhom biex jiġu jżuru Foresta 2000. Kif inkunu hemm inħawlu xi ftit siġar ukoll. Ikun hemm ukoll attivitajiet oħra bħal *nature art*, eċċ.

Peress li din attività ta' Klabb Ħuttaf intom ukoll merħba ħafna li tattendu.

Jekk tridu ġibu kamera ħalli tagħżlu siġra biex issir speċjali 'tagħkom' u tieħdu ritratt magħha!

Data **Is-Sibt 16 Jannar 2016**
Post **Foresta 2000**
L-attività ħa ssir wara nofsinhar u ddum xi sagħtejn u nofs.
**Ibbukkjaw.** Għal aktar dettalji u biex tibbukkjaw ibagħtu imejl fuq **education@birdlifemalta.org**

Matul is-sena li għaddiet, dawn l-iskejjel sponsorjaw bejniethom **350 siġra**. Waww!

## F'isem il-BirdLife, il-Foresta u n-natura...

- Baħrija Primary
- Convent of the Sacred Heart
- De La Salle College
- Floriana Primary
- Gudja Primary
- Ħal Għaxaq Primary
- Ħal Luqa Primary
- Ħal Qormi (SS) Primary
- Ħaż-Żabbar Primary A
- Ħaż-Żabbar Primary B
- Ħaż-Żebbuġ Primary
- Marsa Primary
- Marsaxlokk Primary
- Mġarr Primary
- Mosta Primary A
- Mosta Primary B
- Mqabba Primary
- Newark
- Our Lady Immaculate
- Pembroke Primary
- Rabat Primary
- San Anton
- St Angela (Rabat)
- St Benild's
- St Francis (Birkirkara)
- St Joseph (Blata l-Bajda)
- St Joseph (Paola)
- St Joseph (Sliema)
- St Monica (Birkirkara)
- St Paul's Missionary College
- St Theresa (Gozo)
- Stella Maris College Junior (Gżira)
- Theresa Nuzzo (Marsa)
- Thi Lakin
- Victoria Nursery (Naxxar)
- Vittoriosa Primary
- Xgħajra Primary
- Żurrieq Primary

**...GRAZZI!**

### Farfett skorrett



F'*Il-Ħuttafa* 130 (p.7) bi żball ġibna l-isem bl-Ingliż tal-Kannella tad-Dell bħala *Wall Brown* flok *Speckled Wood*. Skużawna.

## Għadek m'intix membru?



Jekk għadek m'intix membru fi Klabb Ħuttaf u tixtieq tidħol, ftakar li hemm jistenniek **Natura u Kuluri**, ktieb mimli stampi ta' annimali u pjanti Maltin biex tagħtihom kulur. Ħaffef qabel jispiċċaw.



Jien dħalt!

## Intervista ma' fjura



30

Victor Falzon

**Fidloqqom**
**Borage**

Bonġu, Fidloqqma.
Bonġu lilek.

Ġralek xi ħaġa?
Le, għaliex?

Għax għandek il-fjuri rashom baxxuta, donnhom imdejqin.
Ħaħaħa! Le, dak minnhom jikbru hekk, kollha wiċċhom 'l isfel.

Eee owkej mela.
Il-fjuri tiegħi jħarsu 'l isfel biex in-nektar u l-polin ikunu protetti mix-xita.

Nektar x'inhu?
Ikun bħal ilma ħelu li jkollna fil-fjuri biex niġbdu l-insetti lejna.

Il-fjuri tiegħek jiġbdu xejn insetti?
Tiċċajta! Il-fjuri tiegħi huma fost l-iktar fjuri ħelwin.

Ħelwin għax sbieħ?
Ħelwin għax togħma ħelwa!

Jien nista' nikolhom?
Tista', imma jimporta tħallihomli? Inti għandek x'tiekol naħseb, u jien il-fjuri għandi bżonnhom biex nagħmel iż-żerriegħa.

Għandek raġun. Ħa nħallihomlok għan-naħal mela!
Grazzi tal-qalb tajba.

U issa ħa nħallik. Ċaw ċaw!
Saħħa lilek.




# Fjuri Xitwin

Aħna spiss nisimgħu li r-rebbiegħa huwa l-istaġun tal-fjuri. U hekk hu, għax il-biċċa l-kbira tal-fjuri fir-rebbiegħa jiftħu. Imma hemm ukoll diversi pjanti li jwarrdu fix-xitwa. Dawn huma ftit minnhom.

































Jekk trid ktieb tajjeb biex tagħraf dawn il-fjuri u ħafna oħrajn, mur paġna 12.



Jekk toħroġ fil-kampanja dix-xitwa ħu l-magażin miegħek u ara kemm issib minn dawn il-fjuri.

ritratti
kaħwiela, ċfolloq u salvja selvaġġa – **Desirée Falzon**
erika, qarsu u narċis – **Victor Falzon**
garni tal-pipa u bebuna – **Aron Tanti**

# Tista' tgħidli?

Inwieġbu l-mistoqsijiet tagħkom fuq in-natura.

## Insett stramb



**Sur Editur**

**Il-ġimgħa l-oħra, waqt il vaganzi, konna mexjin fil-kampanja u oħti Martina sabet dan l-insett ftit stramb. Għajnejh kienu veru differenti minn insetti oħra u ħalqu kien tond u kbir. Tista' tgħidli x'insett hu? Qatt ma rajna bħalu qabel. Grazzi :)**

**Mikela Casolani (9)**
**Kappara**

Għażiża Mikela,

Annimal sabiħ tassew. Dak xagħat (*caterpillar*) ta' baħrija kbira jgħidulha **sfinġida tad-dwieli**, bl-Ingliż ***silver-striped hawkmoth***. Hawn taħt għandkom ritratt ta' kif ħa jsir dak ix-xagħat la jikber.

Bilħaqq, dawk iż-żewġ tikki suwed tondi mhumiex vera għajnejn, u dak il-faxx mhux ħalq. Dawk huma biss disinji u kuluri fuq ġisem ix-xagħat li bihom ibeżża' xi għasfur li jersaq biex jieklu. Meta l-għasfur jara dawk l-"għajnejn" kbar jinħasad u jtir 'l hemm.

L-Editur



Matthew Borg Cardona

Jekk għandkom mistoqsijiet, iktbu lill-Editur fuq **il-huttafa@birdlifemalta.org**

# Lesti għall-pranzu!




Jennifer Law




Jennifer Law




Jennifer Law

Jekk tiftakru, konna għednielkom li l-flus li niġbru mill-mixja maratona ta' Marzu li għadda xtaqna nużawhom biex nagħmlu ħafna *bird tables* biex inqassmuhom fl-iskejjel primarji ta' Malta u Għawdex.

Dawk il-flus issa ntużaw u bihom tlestew xi 50 *bird table*. Dawn qed nagħlquhom f'kit li jinkludi mhux biss il-partijiet tal-*bird table* imma wkoll fuljett fuq kif tarmaha u pariri oħrajn, u borża żrieragħ biex jibda l-pranzu għall-għasafar!

Prosit u grazzi lis-sur Joseph Gatt għall-galbu li bih ħadmilna l-*bird tables*.



## Ħudu sehem!

Spot a sparrow
report a roost

Nixtiequ ħafna l-iskejjel jieħdu sehem fil-proġett **Spot a Sparrow** u jħajru lill-istudenti jsibu *roost* tal-għasafar tal-bejt u jinfurmawna bih. *Roost* hija grupp ta' siġar (kultant siġra waħda kbira) li fiha jinġabru numru sabiħ ta' għasafar tal-bejt biex jorqdu. Kull skola li bis-saħħa tagħha nsibu *roost* ġdida tingħata *bird table*.

Għal aktar tagħrif fuq kif issibu *roost* u biex tieħdu sehem, morru fil-websajt tal-proġett **www.spotasparrow.org**



Aron Tanti

# il-Bufula Sewda

**Desirée Falzon**

Kulħadd jista' jara bufula sewda. Żomm għajnejk u widnejk miftuħin meta tkun fi ġnien jew roqgħa art bl-arbuxxelli, anke fil-ġnien tal-iskola, u fittex għasfur żgħir rasu sewda u dahru griż. Jekk tisma' għasfur sejjer *Ċxx-ċxx-ċxx-ċxx...* b'ton qisu eċitat ġej minn qalb il-weraq, għid li hemm bufula sewda li tridek titlaq mit-territorju tagħha!



Aron Tanti






Joe Sultana

Il-bufula sewda tgħix Malta s-sena kollha u fir-rebbiegħa tagħmel bejta żgħira u pulita fil-baxx f'xi arbuxxell folt. Fiha tbid minn tliet sa ħames bajdiet, u ż-żewġ ġenituri jieħdu ħsieb irabbu liż-żgħar.

## Kif nista' ngħin lill-bufula sewda?

- [ ] Fix-xhur kesħin tax-xitwa ftit ikollhom x'jieklu l-għasafar. Agħmel *bird table* u farrak kejk, gallettini u xi biċċa tuffieħa. Ara li ma tintlaħaqx mill-qtates u oqgħod wara tieqa gawdi l-bufula ġejja u sejra fil-ġnien tiegħek.



Victor Falzon

- [ ] Jekk issib bejta tal-bufula li qed tintuża tmisshiex. Anzi warrab malajr kemm jista' jkun, ħalli ma tfixkilx lill-ġenituri milli jrabbu l-familja tagħhom.



Victor Falzon



Il-bufula sewda tħobb toqgħod fl-arbuxxelli għax fihom issib kenn u ikel. Pereżempju d-deru jkun mimli frott fil-ħarifa u l-bufula tħobb iżżur dawn l-arbuxxelli għall-frott u l-insetti qalb il-weraq.



Guido Bonett



Aron Tanti

Il-mara għandha rasha griża mhux sewda

Bħal f'ħafna għasafar, il-kuluri tar-raġel jispikkaw iktar ħalli jidher sew biex jipproteġi t-territorju.



Joe Sultana

Natura 2000
Natura mħarsa

Elisabeth Conrad

# Il-Ballut ta' Marsaxlokk

## Mhux bosk

Illum imiss nitkellmu fuq sit fl-inħawi ta' Marsaxlokk. Minkejja li l-isem tal-post jagħti impressjoni li qed nitkellmu fuq xi foresta, dan his-sit huwa fil-biċċa l-kbira magħmul minn għelieqi maħdumin, imma fih ukoll roqgħa żgħira ta' bur salmastru. Hawnhekk ħa niffukaw l-iktar fuq il-bur salmastru.

## Dari komuni, illum rari

X'inhu bur salmastru? Bur salmastru (bl-Ingliż *saltmarsh*) huwa tip ta' ambjent niedi li nsibuh max-xatt. L-ilma li nsibu hawnhekk ikun mielaħ imma inqas mielaħ mill-ilma tal-baħar, għax jifforma minn taħlita ta' ilma baħar u ilma ħelu. Għalhekk 'salmastru'.

Fl-antik dan l-ambjent kien iktar komuni max-xtut tal-Gżejjer Maltin – fost il-postijiet fejn dari kienu jinstabu hemm Burmarrad, il-Marsa, San Ġiljan, Ta' Xbiex u Delimara. Sfortunatament dan l-ambjent inqered kważi għal kollox, kemm biex l-art tintuża għal affarijiet oħra u anke minħabba li postijiet hekk kienu assoċjati ma' mard bħall-malarja – minn hemm fil-fatt jiġi l-isem Burmarrad (*bur marrad*).

Illum-il ġurnata l-bur salmastru huwa pjuttost rari fil-Gżejjer Maltin, u wieħed mill-aħjar eżempji li għad għandna tiegħu qiegħed f'dan is-sit żgħir tal-Ballut ta' Marsaxlokk.

Victor Falzon



*Hydrobia acuta* huwa bebbuxu żgħir ħafna, xi 4-6mm biss.

## Speċjalizzati

Mhuwiex sit għal kollox naturali: saru diversi tibdiliet ta' infrastruttura fis-sit u fil-madwar tul is-snin. Minkejja dan kollu, minħabba li hawnhekk jiżbokka wied u jiltaqa' ma' ilma iktar mielaħ ġej mill-baħar, ifforma dan l-ambjent partikolari.

Kif tistgħu timmaġinaw, il-pjanti li jikbru hawnhekk iridu jkunu speċjalizzati sew, għax il-ħajja xejn ma hi faċli: iridu jkunu jifilħu għall-melħ, għas-sħana, u kultant anke għan-nuqqas ta' ossiġnu fl-ilma. Jagħmlu dan b'diversi modi – pereżempju jkollhom l-għeruq viċin il-wiċċ tal-ilma, fejn ikun hemm iktar ossiġnu u anke jerħu ossiġnu huma stess fl-ilma. Ikollhom ukoll mezzi biex il-weraq isaffi l-melħ żejjed, jew weraq li kapaċi jaħżen l-ilma tax-xita (bħalma jagħmel il-kaktus) biex inaqqas l-effett tal-melħ.

## Fejn hu?



Kif juri ismu, dan is-sit qiegħed f'Marsaxlokk, sewwasew f'tarf ir-raħal.

## Flora u fawna

Fost l-ispeċi importanti ta' pjanti li nsibu fil-bur salmastru tal-Ballut ta' Marsaxlokk hemm is-**simar tal-baħar**, pjanta indiġena u meqjusa [1]mhedda, u l-**almeridja**. Speċi oħrajn jinkludu s-**sogħda tal-baħar** u l-**bjanka tal-baħar**, it-tnejn ukoll speċi mhedda. Insibu wkoll is-**siġra tal-bruk**, waħda mill-ftit siġar li jifilħu għall-ambjenti mielħa, u li għalhekk spiss insibuha tikber (jew imħawla) viċin il-baħar.

Hawn tgħix ukoll fawna interessanti, inkluż **bebbuxu żgħir** u xi speċi ta' **ħanfus** li huma magħrufin biss minn hawnhekk jew minn ftit inħawi oħrajn. Fost għasafar li jinżlu jħufu madwar l-għadajjar melħin insibu l-**pispisella** u t-**tertuxa**, u kultant jitfaċċa wkoll xi **gallozz tax-xitwa**. Fir-raba' tal-madwar ma jonqosx it-tisfir tal-**bufula tal-imrewħa** kważi s-sena kollha, u tal-**pespus** fix-xitwa.




# Il-Ballut ta' Marsaxlokk




Victor Falzon





Aron Tanti

**Pispisella**
Common Sandpiper

## Bżonn ta' kura xierqa

Il-Ballut ta' Marsaxlokk mhuwiex biss sit Natura 2000 imma wkoll Sit ta' Importanza Ekoloġika u Xjentifika, kif ukoll Santwarju tal-Għasafar. Minkejja din l-importanza tiegħu, dan is-sit ma tantx ġie ttrattat tajjeb tul is-snin, minħabba rimi ta' skart, tniġġis, kaċċa illegali u atti oħra ta' vandaliżmu.




F'dawn l-aħħar xhur ħareġ pjan għall-immaniġġjar tal-Ballut ta' Marsaxlokk (u ta' Siti Natura 2000 oħrajn). B'hekk nisperaw li fl-aħħar dan l-ambjent rari jingħata kura u ħarsien xierqa. Nisperaw ukoll li aħna nitgħallmu napprezzaw aħjar anke dan l-ambjent li għalkemm forsi fid-dehra mhuwiex l-iktar spettakolari, huwa madankollu xorta ta' importanza ekoloġika kbira.

[1]**mhedda.** Fil-periklu li tinqered

Victor Falzon



**Bruka**
*Tamarix africana*

Desirée Falzon



**Bjanka tal-baħar**
*Halimione portulacoides*



**Almeridja**
*Salicornia ramosissima*

Desirée Falzon




# Tħobb l-għasafar?
# Tħobb l-istorja?
# Tħobb kotba Maltin?

BirdLife Malta għadha kemm ħarġet dan il-ktieb dwar l-istorja tal-ornitoloġija f'Malta. Fih tagħrif dwar in-nies li kitbu fuq l-għasafar f'Malta mis-sena 1575 sal-2015 – 440 sena ta' storja!

- Miktub b'reqqa u dettal wara snin twal ta' riċerka, minn żewġ esperti tal-għasafar u tal-istorja tagħhom
- Ritratti u stampi ta' kotba, dokumenti, studjużi, għasafar, eċċ. kważi f'kull paġna
- 390 paġna, kulur minn tarf sa tarf, qoxra iebsa
- Prezz **€49**

**Dawn il-kotba jinsabu t-tnejn għall-bejgħ minn ħwienet tal-kotba u mir-riservi naturali tal-Għadira u s-Simar.**

# Tħobb il-fjuri?

Tixtieq taf x'jisimhom il-fjuri li tara fil-kampanja, jew li kibrulek weħidhom fil-ġnien tad-dar jew tal-iskola?

Issa tista' tkun taf, għax għadu kemm ħareġ il-ktieb

## Wild flowers of the Maltese Islands




- Miktub mill-aqwa espert tal-pjanti f'Malta
- Ritratt meħudin minn espert fil-fotografija tan-natura
- Jittratta kważi 300 speċi ta' fjuri b'ritratti u tagħrif siewi
- Mhux goff, magħmul apposta biex toħorġu miegħek fil-kampanja
- 208 paġna, kulur minn qoxra sa qoxra
- Prezz **€15**

